Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 359/2015

**Rita Bezzina, Vincent Bezzina, Josephine Faenza, Antonia Attard, Jeanette Abela, Mario Bezzina, Grazia Bezzina, Victor Borg, Joseph Ghigo, Saviour Vassallo, Maria Vassallo, Carmelo Vassallo, Doris Vassallo, Paul Vassallo, George Vassallo, Dennis Vassallo, Jesmond Vassallo (appellati)**

**Vs**

**Dr Johann Debono (appellant)**

28 ta' Lulju, 2017.

1. Il-konvenut appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' April, 2016 li biha gie kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt elef u hames mitt ewro (€6,500) rifuzjoni ta' flus li thallsu lilu bla bzonn wara s-sentenza Bezzina et vs Busuttil (1025/2003) tat-23 ta' Novembru, 2011.

2. **Fatti**.

    i. L-atturi kienu parti fil-kawza **Carmel Bezzina et vs Carmelo Busuttil** (1025/2003), deciza favur taghhom fit-23 ta' Novembru, 2011 mill-Prim'Awla. Il-kawza kienet petitorja u bis-sentenza l-konvenut gie kkundannat jizgombra minn porzjon art maghrufa bhala Ta' Sghajtar, limiti tal-Mosta.

    ii. F'xi zmien jidher li l-konvenut kien gie nkarigat mill-atturi sabiex jiddefendihom f'dik il-kawza.

    iii. Wara s-sentenza, il-konvenut talab lill-atturi biex ihallsuh s-somma ta' €7,500. Skont l-attur Jesmond Vassallo din is-somma ntalbet biex issir l-ezekuzzjoni tas-sentenza.

    iv. L-attur Ghigo ghamel rapport lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja. Il-kaz tressaq quddiem il-Kumitat ghall-Avukati u Prokuraturi Legali li ddecieda:

    > *"....l-Avukat Johann Debono naqas mill-etika jew imgieba professjonali tieghu bhala Avukat fit-termini hawn fuq imsemmija u b'hekk filwaqt li l-Kumitat qieghed icanfar serjament lill-Avukat Johann Debono, jikkundannah ihallas multa ta' disa' mitt ewro (€900) u jillikwida l-ammont dovut lill-kwerelant (recte, kwerelat) fis-somma ta' elf ewro (€1,000) biex b'hekk jirrizulta li*

*ghandu jkun hemm rifuzjoni fis-somma ta' sitt elef u hames mitt ewro (€6,500)".*

v. L-uniku xhieda li nstemghu kienu fis-seduta tas-6 ta' April, 2016 li ghaliha ma kienx prezenti l-konvenut. Fil-fatt mill-atti jirrizulta li l-konvenut attenda biss ghall-ewwel seduta (13 ta' Jannar, 2016) meta l-kawza thalliet ghas-seduta tas-17 ta' Frar 2016 ghall-provi tal-atturi.

vi. Fis-seduta tat-13 ta' April, 2016 il-kawza thalliet ghas-seduta tal-15 ta' April, 2016 ghall-provi tal-konvenut.

vii. Il-konvenut m'attendiex ghas-seduta tal-15 ta' April, 2016 u l-qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tas-27 ta' April, 2016. Dakinhar inghatat is-sentenza.

3. L-aggravji tal-konvenut huma li l-ewwel qorti:

i. Ma tatux spazju ragonevoli sabiex iressaq il-provi tieghu.
ii. Ghamlet apprezzament tal-fatti zbaljat.

4. L-ewwel aggravju hu fieragh. Il-konvenut kellu d-dmir li jsegwi l-kawza u jattendi ghas-seduti kollha. L-appellant ma ressaq l-ebda raguni valida ghalfejn attenda biss ghal seduta wahda u ghalfejn ma ressaqx provi. Lanqas mhu possibbli li fl-istadju tal-appell isir dak li suppost sar quddiem l-ewwel qorti. Ghalhekk it-talba tal-appellant li jressaq il-*file* relattiv sabiex din il-qorti tara x-xoghol kollu li ghamel, hi michuda.

5. Ghal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju, mill-provi li tressqu quddiem l-ewwel qorti l-uniku mod kif setat tigi deciza l-kawza kien skont is-sentenza li nghatat. Mir-rikors tal-appell hu evidenti li l-konvenut mhuwiex jilmenta mir-ragunament tal-ewwel qorti bazat fuq il-provi li kellha quddiemha. L-ilment tieghu hu li wara s-sentenza ghamel hafna xoghol legali ghall-atturi li wasslu biex jigi pprezentat protest gudizzjarju sabiex jithallsu spejjez u kumpens ghall-okkupazzjoni illegali. L-appellant argumenta li l-file relattiv ghadu jinsab fl-ufficcju tieghu u *"…qatt ma gie mitlub mill-klijenti jew addirittura minn xi forum aggudikattiv illi sa issa ezamina dan il-kaz unikament fuq dak li tghidlu parti wahda, u cioe' fuq dak li qed isostnu l-appellati"*. Li gara hekk hu tort tal-konvenut li ma ressaqx provi. Il-konvenut hu avukat u jaf li min jallega jrid jipprova. Ghalhekk ma kellux jistenna li xi hadd jitolbu l-file izda kellu jizgura li jattendi ghas-seduti u jressaq il-provi meta suppost. L-istess jirrizulta li gara fil-proceduri li saru quddiem il-Kumitat ghall-Avukati u Prokuratur Legali.

6. Fir-rikors tal-appell il-konvenut ta l-verzjoni tieghu ta' dak li jghid li gara. Pero' dan mhuwiex il-mod kif jitressqu l-provi. Il-fatti dikjarati f'rikors ta' appell mhumiex prova. Il-provi kellhom jitressqu quddiem l-ewwel qorti billi l-

konvenut jattendi ghas-seduta tal-15 ta' April, 2016 u jixhed u jipprezenta d-dokumenti li jsahhu d-difiza tieghu. Fic-cirkostanzi dak li qal il-konvenut fir-rikors tal-appell mhuwiex sorrett minn provi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.